1110

1745/18

FIL-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA

Arkivre Arkivre Arkivre

JOSEPH DOMENICI, impjegat, bin Carmelo u Maddalena nee Fenech, imwieled Żejtun fil-5 ta' Ottubtu tas-sena 1959 u residenti Marsascala, karta tal-identita' numru 645659M u martu MARIA ROSARIA DOMENICI, mara tad-dar, bint Emmanuel Fenech u Josephine nee Cini, imwielda z-Żejtun fis-27 ta' Settembru tas-sena 1960 u residenti Marsascala, karta tal-identita' numru 667460M

Arkivre Arkivre Arkivre

vs

Kuraturi Deputati sabiex jidhru għall-eredi mhux magħrufa tas-sid taċ-ċens Maria Teresa Baldacchino u għall-eredi mhux magħrufa tas-sidien tas-sub ċens ir-Reverendu Monsignor Salvatore Grima, Carmelo Grima, Giuseppe Grima u Giuseppina Grima

Arkivre Arkivre Arkivre

ĊEDOLA TA' TIĠDI U KONTESTWALI RIKORS TA' JOSEPH DOMENICI, impjegat, bin Carmelo u Maddalena nee Fenech, imwieled Żejtun fil- 5 ta' Ottubtu tas-sena 1959 u residenti Marsascala, karta tal-identita' numru 645659M u martu MARIA ROSARIA DOMENICI, mara tad-dar, bint Emmanuel Fenech u Josephine neè Cini, imwielda ż-Żejtun fis-27 ta' Settembru tas-sena 1960 u residenti Marsascala, karta tal-identita' numru 667460M

Jesponu bir-rispett ILLI:

1. Permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Frar 1990 magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar, l-esponenti akkwistaw il-proprjetà *ossia mezzanin* bil-indirizz 37, San Bastjan Alley, iż-Żejtun, u dan kif inhu aħjar deskritt fl-istess kuntratt (**DOK. A**). Din il-proprjetà hija soġġetta ghemm għal ċens annwu u perpetwu kif ukoll għal sub-ċens annwu u perpetwu. Minkejja li fil-kuntratt tal-akkwist hemm indikat li l-proprjetà hija soġġetta għaċ-ċens ta' LM 8.95 (€20.85), mir-riċerka notarili magħmula jidher illi ċ-ċens oriġinali gravanti din il-proprjetà huwa filfatt dak ta' sitt euro, disgħa u sebgħin ċenteżmu (€6.79) filwaqt li s-sub ċens gravanti din il-proprjetà huwa dak ta' erbatax-il euro u sbatax-il ċenteżmu (€14.17), li flimkien jammontaw għal €20.96. Filwaqt li ċ-ċens oriġinali huwa dovut lill-eredi ta' Maria Teresa Baldacchino, is-sub ċens huwa dovut lill-eredi ta' Reverendu Monsignor Salvatore Grima, Carmelo Grima, Giuseppe Grima u Giuseppina Grima.

2. Mir-riċerki li għamlu l-esponenti (**DOK. B**) jidher illi l-art li fuqha ġiet mibnija l-proprjetà surriferita kienet tifforma parti minn biċċa art akbar li kienet soġġetta għal

1110

ċens u sub ċens annwu u perpetwu akbar. Maż-żmien din il-proprjetà ġiet żviluppata u ċ-ċens u s-sub ċens [illegible] imma sti probabilment ċew maqsuma [illegible] il-proprjetajiet żviluppati bil-konsegwenza li l-esponenti ġiet [illegible] ta' ghaċ-ċens u sub ċens annwu u perpetwu hawn fuq imsemmi.

3. L-esponenti jirrilevaw illi solitament iċ-ċens u s-sub ċens gravanti din il-proprjetà jitħallas lil ċertu C.Borg (**DOK. Ċ**). Madanakollu, l-esponenti ma għandhomx fil-pussess tagħhom id-dettalji tal-istess, liema dettalji huma mehtieġa a finijiet tal-artikolu 1501(7)(ċ)(ii) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan il-għan huma qieghdin, kontestwalment ma' din iċ-ċedola, jippreżentaw rikors b'talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru flok is-sid/sidien ta' dan iċ-ċens u s-sub ċens.

4. L-esponenti għalhekk jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom mill-Artikolu 1501 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jifdu dan iċ-ċens u s-sub ċens.

5. Iċ-ċens hawn fuq imsemmi u ċioè dak li jammonta ta' €6.79, kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), jammonta għas-somma ta' **mija, ħamsa u tletin euro u tmenin ċenteżmu (€135.80)** filwaqt li s-sub ċens hawn fuq imsemmi ta' €14.17, kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), jammonta għas-somma ta' **mitejn, tlieta u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€283.40)**, li allura flimkien jammontaw għal **€419.20**.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħdin jaddixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha:

1. Fl-ewwel lok, jiddepożitaw is-somma ta' **mija, ħamsa u tletin euro u tmenin ċenteżmu (€135.80)** rappreżentanti fidi taċ-ċens oriġinali gravanti l-proprjetà tal-esponenti, dovuti lill-eredi [illegible] Maria Teresa Baldacchino, liema somma għandha tiġi liberament żbankata minn min għandu interess għaliha, mal-prova tat-titolu tagħhom lir-Reġistratur tal-Qrati, u wara li dawn ihallu d-debita riċevuta.

2. Fit-tieni lok, jiddepożitaw is-somma ta' **mitejn, tlieta u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€283.40)** rappreżentanti fidi tas-sub ċens gravanti l-proprjetà tal-esponenti, dovuti lill-eredi ta' Reverendu Monsignor Salvatore Grima, Carmelo Grima, Giuseppe Grima u Giuseppina Grima, liema somma għandha tiġi liberament żbankata minn min għandu interess għaliha, mal-prova tat-titolu tagħhom lir-Reġistratur tal-Qrati, u wara li dawn ihallu d-debita riċevuta.

B'hekk spiċċat l-obbligazzjoni għall-ħlas taċ-ċens u s-sub ċens hawn fuq imsemmija.

Avukat Laura Calleja
111/1, Triq Manoel De Villena. Gżira, GZR1016
lcalleja@woodsadvocates.com

P.L. Gerald Bonello

Notifika: Kuraturi Deputati (X2)
Direttur tar-Registru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Valletta (X2)
Reġistratur tal-Artijiet, 116, Casa Bolino. Triq il-Punent. Il-Belt Valletta

Deputy Registrar
Courts of JUSTICE (Malta)

17 SEP 2018

P.L. G. Bonello